MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1623/2001/1

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Simon Galea**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u erbghin lira u sitta u disghin centemzu (Lm440.96) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 0947 6051;**
**Minkejja interpellat sabiex ihallas diversi drabi, l-konvenut baqa' inadempjenti;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mat-talba u bl-interessi**

**kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fil-15 ta' Jannar 2002, fejn intqal li t-talba tas-socjeta' attrici qed tigi kontestata stante li l-konvenut ma ghandu jaghti l-ebda ammont lis-socjeta' attrici u dana minhabba li kien hemm computer error kif ammess mill-istess socjeta' attrici;**

**Ghaldaqstant il-kawza ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.**

**In oltre fis-seduta tas-7 ta' Frar 2002 il-konvenut irrileva illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa kanonizzat b'sentenza moghtija minn dan l-istess Tribunal, u ghaldaqstant il-kawza hija fierha.**

**Semgha x-xhieda ta' Sharon Calleja, Simon Galea. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi s-socjeta' attrici qed titlob hlas ghal servizzi in konnessjoni mal-*mobile phone* numru 0947 6051 u mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta li dana huwa ghal perjodu mill-10 ta' Settembru 1999 sa l-10 ta' Marzu, 2001 Dok SC.**
**2. It-Tribunal ra wkoll is-sentenza moghtija fl-istess ismijiet fil-21 ta' Novembru 2000, avviz numru 1678/00JR. F'dik il-kawza kien intalab il-hlas ghal perjodu ta' l-10 ta' Lulju 1999 sa l-10 ta' Mejju 2000.**
**3. Sharon Calleja li tahdem fil-*credit control* tas-socjeta' attrici, kkonfermat il-bilanc dovut, u li ma kien hemm l-ebda *computer error* kif qed jallega l-konvenut.**
**4. Illi s-socjeta' attrici kienet akkredidat lill-konvenut ghal perjodu mill-20 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Mejju 2000 u cioe' fl-ammont ta' mija u tnejn u ghoxrin lira u erba u tletin centezmu (Lm122.34). In oltre kienet ukoll naqset il-hlas ghal kirjiet dovuti mill-10 ta' Awissu 2000 sad-data tat-terminazzjoni tas-**

**servizz u dana fl-ammont ta' sitta u sebghin lira u erba' u sittin centezmu (Lm76.64). L-istess Sharon Calleja tikkonferma illi s-sentenza moghtija kienet dwar linja differenti u cioe' dik bin-numru 099 1620, mentri f'dan il-kaz dak li qed jintalab jirrigwarda l-linja tal-mobile 0947 6051.**

**5. Il-konvenut xehed illi fil-21 ta' Frar 2002 kien kiteb lis-socjeta' attrici u hallasha cheque fl-ammont ta' mitejn u tmien liri Maltin (Lm208) datat 8 ta' Frar 2002. F'dik l-ittra ntqal li l-pagament kien qed isir ghas-saldu u b'referenza ghas-sentenza fl-istess ismijiet Avviz Nru 1678/00, ghalkemm huwa fl-istess ittra beda biex irrefera ghan-numru tal-mobile 0947 6051.**

**6. It-Tribunal qed jinnota d-divergenza li hemm fl-ittra bejn in-numru ndikat u hlas maghmul, in kwantu tali hlas jidher illi sar in konnessjoni mas-sentenza moghtija fil-21 ta' Novembru 2000. It-Tribunal in oltre wkoll jinnota dak li qal il-konvenut meta xehed:**

***"ma niftakarx ghal liema mobile qed tirreferi ghal kawza, li fuqa hemm id-decizjoni esebita fil-process. Lanqas ma nista' neskludi li dik il-kawza tirreferi ghal mobile li fuqu qed issir din il-kawza."***

**7. Dwar il-hlas li sar jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Sharon Calleja li dan kien jirrigwarda kont iehor. Apparti minn dan kollu ma jirrizultax li kien hemm *computer error*. Skond l-istess Sharon Calleja l-bilanc huwa ta' mitejn u tletin lira (Lm230).**

**8. Ghalhekk mill-kumpless tal-provi u in vista ta' dak li xehdet l-istess Sharon Calleja ghas-socjeta' attrici li t-Tribunal qed jaccetta l-aktar versjoni veritjiera fic-cirkostanzi, l-ammont dovut lis-socjeta' attrici llum huwa ta' mitejn u tletin lira (Lm230).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatment fis-somma ta' mitejn u tletin lira (Lm230) u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-imsemmija somma ta' mitejn u tletin lira Maltin (Lm230) in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 0947 6051.**

**In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------